www.santamariaqrendi.com

# Marija Mtellgħa s-Sema fil-Kitba ta' San Ġorġ Preca

minn John Formosa

Kull qaddis għandu mħabba speċjali lejn il-Verġni Mbierka Marija, u dan ma jistax jonqos meta hija Omm Ġesù li fdiena u hija wkoll l-Omm tagħna. Minħabba f'hekk huma mhux biss jirrikorru lejha regolarment, imma wkoll jifirħu u jagħtuha qima speċjali fil-festi tagħha u jxerrdu devozzjonijiet lejha. Dun Ġorġ kien iħobb iqim lil Marija taħt diversi titoli: Il-Kunċizzjoni Immakulata, il-Lunzjata, tal-Karmnu, tar-Rużarju, tal-Midalja Mirakoluża, u l-bqija. Imma jidher li hu kellu ġibda speċjali lejn it-Tlugħ tagħha fis-Sema, għax kien jara f'din il-festa l-MILJA tal-glorifikazzjoni tagħha minn Binha Ġesù. Jidher ċar li Dun Ġorġ kien iħobb jimmedita spiss fuq l-Assunzjoni ta' Marija: xhieda ta' dan huma l-kitbiet kotrana illi huwa ħalla fuq dan il-"privileġġ" kbir[1]. Huwa ried ukoll li l-membri kollha tal-Għaqda tiegħu iqimu lil Marija b'mod speċjali nhar il-15 ta' Awissu ta' kull sena. Għal dan l-iskop huwa ħallielhom wieħed mill-isbaħ programmi ċelebrattivi li hu jsejjaħlu Programm Speċjalissmu ta' Marija Mtellgħa fis-sema[2] biex isir dakinhar.

## Awwissu, ix-xahar ta' Marija

Diġà snin qabel, fl-1932, Dun Ġorġ kien ippubblika ktieb ieħor fuq il-Verġni Marija, jismu Il-Benedicta[3], ġabra ta' 31 meditazzjoni marjani biex jinqraw mis-Soċji tiegħu matul ix-xahar ta' Awwissu. Għax għal Dun Ġorġ, Awwissu hu x-xahar ta' Marija per eċċellenza. Ħalla miktub fid-daħla ta' dan il-ktieb:

*Fost ix-xhur kollha tas-sena, Awwissu kien li fetaħ għal Marija Santissima, l-imbierka fost in-nisa, il-bieb tat-trijonfi li jistħoqqulha għall-merti tagħha, u fuq kollox għad-dinjità hekk kbira tagħha li bniedma saret bi grazzja singulari l-Omm tal-Ħallieq tagħha.*

*It-tradizzjoni minn nisel għal nisel tgħarrafna li f'dan ix-xahar Marija Santissima ġiet meħuda s-sema bir-ruħ u bil-ġisem b'idejn l-anġli u mqiegħda fuq it-tron tal-glorja tagħha, fejn l-Iben tagħha Ġesù inkurunaha u għamilha Reġina tal-Anġli u tal-bnedmin, wara tant duluri u sofferenzi li hija kienet sofriet miegħu għall-imħabba tiegħu u għas-saħħa tal-bnedmin kollha.*

*Fil-Ktieb tal-Eżodu (33,20) hemm miktub li Alla għarraf lil Mosè, li tant kien xtaq jara l-wiċċ divin tiegħu hekk li kien talbu sabiex jagħtih din il-grazzja, għarrfu li ħadd, ebda bniedem, ma jara l-wiċċ divin tiegħu u mbagħad jibqa' ħaj. Minn dan il-kliem wieħed jikkonkludi li Marija Santissima, għalkemm merfugħa fil-grad l-aktar għoli tal-grazzja u tal-favuri ta' Alla, però biss meta ħarġet minn dan il-wied tad-dmugħ setgħet tara 'l Alla wiċċ imb'wiċċ. Min jaf kemm viżjonijiet, kemm apparizzjonijiet u kemm ħlewwiet oħra spiritwali kienet iffavorita bihom Marija Santissima!*

*Iżda l-viżjoni beatifika ta' Alla kienet għaliha fir-raqda glorjuża u feliċissima tagħha li, skont it-tradizzjoni, kellha lok fit-tlettax ta' Awwissu. Meta l-Appostli qiegħdu fil-qabar it-tabernaklu verġinali li minnu kien ħa n-natura ta' bniedem l-Iben ta' Alla u li fih għex magħluq għal disa' xhur, allura madwar dan il-qabar għal tlett ijiem instema' l-kant tal-anġli; u meta wara tlett ijiem l-Appostli fetħu l-qabar biex jissodisfaw ix-xewqa ta' wieħed minn sħabhom (li kien Tumas, li providenzjalment kien wasal tard) u ma sabux iżjed il-ġisem imqaddes ta' Marija – sabu biss lożor bojod u fjuri ta' fwieħa kbira.*

*Sieħba tal-passjoni ta' Ġesù, Marija kienet ġà ssieħbet mat-trijonfi tar-reżurrezzjoni tiegħu. Għalhekk fil-ħmistax ta' Awwissu l-Knisja tissolennizza bir-raġun kollu l-Assunzjoni ta' Marija Santissima u tinkoraġġina biex nirrikorru lejha, u tfehimna li t-trijonfi jiġu wara d-duluri li wieħed isofri fid-dinja ma' Ġesù Kristu. Isaltan ma' Kristu min ibati ma' Kristu.*

*Tul dan ix-xahar [ta' Awwissu] is-Soċjetà Museumina ferħana għat-trijonfi kbar ta' Marija, l-Omm ħanina tal-midinbin, tinheda b'mod speċjali fuq dan l-oġġett tant konsolanti, tant delizzjuż, u tant glorjuż billi tistħajjel li qiegħda tisma' n-narrazzjoni fuq Marija Santissima minn fomm tal-arkanġlu Gabrijel, li kien bi speċjalità magħżul minn Alla biex iħabbrilha l-kbira grazzja li hija sabet quddiem Alla, u b'hekk dejjem iżjed din is-Soċjetà titkebbes bl-imħabba u bil-qima lejn Dik li fuqha tgħaxxqet is-Santissima Trinità.*

## Id-Domma tal-Assunzjoni

*It-tagħlim dwar it-Tlugħ fis-Sema ta' Marija ġie dikjarat uffiċjalment bħala Domma tal-Fidi fl-1 ta' Novembru 1950. Dun Ġorġ sa minn ħafna snin qabel kien wera x-xewqa li dan it-tagħlim jiġi dikjarat bħala domma, u kien jistieden lil kulħadd biex jitlob biex tfittex tasal dak il-jum li fih tiġi dikjarata din id-domma. Dan li qed ngħidu jidher minn kitba tiegħu li dehret fil-Kalendarju Museumin[4], u li*


Il-Papa Piju XII

www.santamariaqrendi.com

*taghlaq b'dawn il-kelmiet: "F'dawn iż-żminijiet tagħna li l-fidili kollha qegħdin iħossu xewqa kbira li jisimgħu mill-fomm infallibbli tal-Papa d-definizzjoni tad-Domma tal-Assunzjoni ta' Marija Santissima, ma baqax x'nagħmlu ħlief li nitolbu 'l Alla li jwassal is-siegħa ta' glorifikazzjoni oħra fuq Marija Santissima." Dun Ġorġ feraħ fuq li feraħ meta fl-aħħar ra lill-Papa Piju XII jikkonferma bħala Domma tal-Fidi għall-insara kollha li Marija, fi tmiem il-pellegrinaġġ tagħha fuq l-art, ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem.*

Dun Ġorġ isemmi u jittratta fuq it-Tlugħ fis-Sema ta' Marija f'diversi kitbiet tiegħu, hekk p.e. Ir-Rużarju ta' Marija, meta jitkellem fuq ir-raba' u l-ħames Misteru tal-Glorja[5], fil-Lapidarju[6], fl-Aulae Sanctae Matris Virginis[7], fl-Episodji ta' San Mikiel Arkanġlu[8], etc. Inti u taqra dawn il-kitbiet tħoss li Dun Ġorġ bħal donnu jsir poeta biex ifaħħar id-dħul trijunfali ta' Marija fis-sema u b'mod speċjali l-inkurunazzjoni tagħha bħala Omm, bħala Reġina u bħala Patruna.

*Bħala eżempju ta' dan li qed ngħidu, se nġibu hawn dak li Dun Ġorġ ipoġġi fuq fomm San Mikiel Arkanġlu biex jiddiskrivi l-laqgħa li l-Verġni Mbierka kellha hekk kif hija daħlet fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem[9]: Wara d-daħla ta' Kristu fis-sema eċċessivament trijunfali fuq il-mewt, fuq Satana u fuq id-dinja, aħna b'ħerqa kbira konna nistennew l-Omm tiegħu biex tissieħeb fil-glorja wara li tant assoċjat ruħha fit-tbatijiet miegħu. Kien għalina tassew kbir l-unur xħin Kristu tana l-ordni sabiex bil-ministeru ta' idejna nittrasportaw bir-ruħ u bil-ġisem lil din il-kreatura l-iżjed ipprevileġġjata qabel il-komuni reżurrezzjoni universali. Minn fost il-bnedmin jista' jasal biex jifhem il-laqgħa glorjuża li kellha b'mod speċjali mill-Iben tagħha divin? Malli qegħedna 'l Marija Santissima fuq tron maħdum apposta b'ħaġar l-iżjed prezzjuż, imqiegħed fil-lemin tat-tron tar-Re tal-glorja Ġesù Kristu, tron tassew denn biex jilqa' fih 'il Dak li laqgħet fiha 'il Dak li s-smewwiet m'humiex kapaċi jilqgħu, f'ħin bla waqt mant tax-xemx għattieha, pedestall taħt riġlejha daħal il-qamar, u l-Iben rikonoxxenti, l-Imħallef ġust, hekk mar ifaħħarha: "Int tistħoqq li tirċievi minni unuri u glorja: kif nista' jiena neżaltak iżjed xħin għażiltek b'Ommi vera, jiena veru Alla ħaj u omnipotenti?*

*Xejn ma joħroġ minn dan ir-renju tas-sema u anqas xejn ma jidħol ħlief permezz tiegħek, kif jien stess hekk ridt li mingħajrek lanqas nidħol inkurunat. Inti t-teżoriera tal-grazzji tiegħi, is-smewwiet u l-art huma tiegħek. Jiena nipproklamak u ninkurunak vera Reġina tal-anġli u tal-bnedmin u tal-kreaturi kollha."*

*Xħin siket jitkellem inkuruna l-ġbin tagħha bi tnax-il kewkba li ma tilfu xejn mill-isplenduri tagħhom ma' l-isplenduri tax-xemx, l-ammant tal-ġuf tagħha; u l-aċċent tan-noti ħadd mill-bnedmin ma jista' jisma' mingħajr ma jmut.*

*B'inkini profondi quddiem ir-reġina tagħna, b'unur kbir, urejna s-sottomissjoni tagħna lejha. Għall-inkin li jiena għamiltha Hija bi tbissima ħelwa qaltli: "Int kont, o qawwi Michael, li keċċejt mill-misħut xitan minn din is-sala divina u jiena kont li fl-art, bir-riġel verġinali tiegħi, sħaqt ir-ras supperva tiegħu."*

*Il-kumpann tiegħi Gabrijel arkanġlu: "Ekku," qalilha, "o kbira Reġina tagħna, ekku inkurunata llum il-grazzja li jiena ħabbartlek li sibt quddiem Alla xħin inkuraġġejtek biex ma tibżax fil-preżenza tiegħi." Resqu wkoll Adam u Eva u qalulha: "Aħna daħħalna d-dnub u l-mewt fid-dinja u inti l-grazzja u l-ħajja. Aħna bikkejna 'l uliedna u int, bint privileġġjata tagħna, ferraħt lilna u lil ħutek. La twarrabx issa f'dawn it-trijonfi siguri u eterni tiegħek, kuruna tad-dinjità u tal-merti tiegħek, l-għajnejn tal-ħniena tiegħek mill-bnedmin.*

*Ma kontx tkun Omm Alla li permezz tiegħek deher l-attribut tal-Ħniena Divina kieku ma kienx id-dnub u l-miżerja tagħna. Tkun Imbierka o konsolatriċi tal-missier u tal-omm ewlenin tiegħek! Tkun imbierka, o Oġġett tal-kompjaċenza ta' Alla. Tkun lilek glorja fid-dinja u rikonoxxenza sat-tmiem tas-sekli."*

## Ixerred id-devozzjoni tal-15 tax-xahar

Dun Ġorġ xerred ukoll kemm felaħ id-devozzjoni lejn dan il-privileġġ marjan billi xerred id-drawwa, l-aktar fost dawk li kienu jiffrekwentaw il-knisja tal-Madonna tas-Samra, imsejħa wkoll bħala ta' Atoċja, fil-Ħamrun, id-drawwa li, fil-15 ta' kull xahar, jinvistaw lill-Madonna u jitolbu quddiemha posta tar-Rużarju, ir-raba' misteru tal-Glorja, drawwa li għadha teżisti sa llum speċjalment fost l-anzjani. Huwa wkoll ikkompona talba biex tingħad quddiem ix-xbieha mirakoluża tal-Madonna tas-Samra li tgħid hekk:

Kemm inti kbira, o Verġni Santissima! Kif jista' jkun li inti tkun ikbar minn li int, xħin l-Omnipotenti għażlek b'Omm tiegħu naturali u assoġġetta ruħu lejk!? Inti b'fommok stess stqarrejt li inti tassew kbira meta għidt li miegħek għamel ħwejjeġ kbar dak li Hu Potenti. Filwaqt li aħna nifirħulek fuq din il-kbira grazzja, li inti waħdek sibt quddiem Alla, nitolbuk li tikkunslana fid-dwejjaq tagħna, li teħlisna mill-flaġelli tal-ġustizzja divina, u li f'mewtna teħodna ngawdu miegħek il-ħanin Alla tiegħek u tagħna. Amen.

Fil-ktieb Is-Sena tas-Sinjur[10], taħt id-data 15 ta' Awissu, Dun Ġorġ jistħajjel lil Ġesù jgħidilna:

Hadd m'għandu raġun li jaħseb li ma kenitx kuruna tal-ikbar glorja li jien mort qegħidt fuq ir-ras tal-Omm tiegħi Marija, xħin l-anġli tiegħi ttrasportaw bl-idejn purissimi tagħhom l-immakulat ġisem ħaj tagħha fil-ġenna, wara li din fid-dinja temmet l-uffiċċju sublimi tagħha fost tant duluri. Il-kuruna singulari li għal dejjem iżżejjen ir-ras tagħha, jiena veru imħallef ġust, tajthielha fost l-unuri tal-beati kollha għax kienet tistħoqqilha għall-umiltà, u għall-karità, u għall-paċenzja tagħha. Hija kuruna denja tal-Omm ta' Alla u fl-istess ħin kuruna ta' ġustizzja li biha flimkien miegħi s-saltan għal dejjem bħala reġina tas-sema u tal-art, u bħala patruna u bħala omm ħanina.

## Marija u aħna l-bnedmin

Huwa interessanti li wieħed jinnota li, l-aktar fil-predikazzjoni tiegħu, Dun Ġorġ spiss, meta jitkellem fuq il-glorifikazzjoni ta' Marija li Alla taha meta għażilha

www.santamariaqrendi.com



Ikona koptika tal-Dormizju ta' Marija

b'Omm ta' Ibnu, kien iżid jgħid li Marija għandha imħabba kbira lejn il-bnedmin u, mit-tron għoli fejn qiegħda, hija għandha interess kbir li tgħinhom fil-ħtiġijiet tagħhom. Huwa jgħid li dan hija tagħmlu bir-raġun, għax Hija taf kemm swejna lil Binha biex ġejna salvati minnu, kif ukoll għax kieku ma kinetx il-miżerja tagħna bnedmin imwaqqgħin fid-dnub, kieku hija ma kienx ikollha dak il-privileġġ uniku li tkun Omm Ġesù li ġie biex isalva dak li kien intilef. (cf Mt 18,11)

Dun Ġorġ ukoll, huwa u jimmedita fuq il-kobor tas-setgħa ta' Marija li hija rċeviet minn Alla, kien iħoss



San Ġorġ Preca waqt Sajda Mużewmina

li għandu jxerred ma' kullimkien il-mezz kbir tad-devozzjoni lejHa biex wieħed isalva ruħu, għax ma jistax ikun li Marija ma ssalvax lil dawk li jirrikorru lejHa. Għalhekk inpoġġu l-fiduċja sħiħa tagħna fiHa.

F'dan is-sens huwa kiteb din it-talba[11] li se nagħlqu biha u li nistgħu nagħmluha tagħna:

*Sinjur tal-Ħajja Verġni Marija, Omm tagħna l-Maltin, aħna umiljati u sogħbiena, lejk nirrikorru f'din is-siegħa tal-bżonn. Inti ma flaħtx tara tnejn min-nies, l-għarajjes ta' Kana, jaqgħu fil-konfużjoni bin-nuqqas tal-inbid, iżda insistejt ma' l-Iben maħbub tiegħek Ġesù, u ġagħaltu jwassal is-siegħa tiegħu, u ferraħthom mingħajr ma talbuk.*

*Ħares, Omm ħanina, lejna, uliedek, aħna nitolbuk, u eħles lil Malta tiegħek mhux le min-nuqqas tal-inbid tal-festa, iżda min-nuqqas tal-imħabba ta' bejnietna u mill-flaġelli li qegħdin iheddna.*

*Veru li aħna dnibna, o Marija, iżda ħares lejn l-imħabba ta' missirijietna fit-tempji sbieħ li huma waqqfulek għall-ġieħ tiegħek; tħalliniex f'dan il-waqt tal-bżonn, għaqqadna fl-imħabba ta' Ibnek, u aħna ngħidulek li, bħal missirijietna, nitfgħu it-tama tagħa kollha fik: Inti Ommna. Amen.*

[1] Dun Ġorġ kien iżomm li l-akbar tliet privileġġi li Marija Santissima rċeviet minn Alla kienu: (a) il-Konċepiment Immakulat tagħha, (b) il-Maternità Divina tagħha, u (c) it-Tlugħ glorjuż tagħha fis-Sema bir-ruħ u bil-ġisem. Għal dawn it-tliet "privileġġi" huwa ħoloq id-devozzjoni hekk imsejħa tat-Tliet Inkini.

[2] Programm Speċjalissimu ta' Marija Mtellgħa fis-sema, Progress Press, 1948, 60 pp.

[3] Il-Benedicta, Qari għax-xahar ta' Awwissu. It-tieni edizzjoni ħarġet fl-1997. F'dan il-ktieb Dun Ġorġ jistħajjel lill-Arkanġlu San Gabrijel jitkellem fuq il-ħajja u l-virtujiet ta' Marija Santissima. Il-kapitoli 14 u 15 jitkellmu fuq Marija Mtellgħa s-Sema u Marija Eżaltata rispettivament.

[4] Kalendarju Museumin, Jannar 1935.

[5] Ir-Ružarju tal-Madonna, Edizzjoni 1991, paġni 41 u 45. Ara wkoll paġni 71-72, u 84

[6] Il-Lapidarju. It-tieni edizzjoni ħarġet fis-sena 2000. Jiġbor fih 97 "lapidi komemorattivi" li jfakkru l-ħajja u l-virtujiet ta' Marija. Fil-Lapida 85 jitkellem dwar l-Assunzjoni tagħha, u fit-tnejn ta' wara jitkellem dwar l-Eżaltazzjoni u l-Glorifikazzjoni tagħha.

[7] Aulae Sanctae Matris Virginis. Lux Press 1955. Dan hu programm ta' Rtir li Dun Ġorġ għamel lis-Soċji tiegħu fis-Sena Marjana tal-1954.

[8] Episodji ta' San Mikiel Arkanġlu. Dan il-ktejjeb kien maħsub biex jinqara mill-Membri tal-MUSEUM nhar il-festa ta' San Mikiel fid-29 ta' Settembru. Miktub fis-snin 20 tas-seklu l-ieħor, fih Dun Ġorġ jistħajjel lil San Mikiel jirrakkonta ġrajjiet marbutin ma' dan l-Arkanġlu li hu ħatar bħala d-Difensur tas-Soċjetà tiegħu.

[9] Episodji ta' San Mikiel Arkanġlu, Taqsima 10, L-Inkurunazzjoni ta' Marija Santissima

[10] Is-Sena tas-Sinjur, ktieb maħruġ l-ewwel darba fl-1980, li fih Dun Ġorġ jistħajjel lil Ġesù qed jagħti parir spiritwali għal kull jum tas-sena. Il-ktieb ġie stampat drabi oħra, fl-1991 u fl-2001 meta kopja tiegħu tqassmet lil kull familja f'Malta u Għawdex fl-okkażjoni tal-beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ.

[11] Talba lil Marija Santissima, Omm il-Maltin. Din iġġib id-data tal-Imprimatur 5 ta' Diċembru 1957. Talba mxerrda ħafna mis-Sur Krispin Mangion (ex-membru u kooperatur tal-MUSEUM); li kien għamel żmien joħroġ fuljett "Manifest tal-Ħajja".